MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2010

Numru 20/2008

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Abuagila KH. Elwahishi**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 20 tas-sena 2008 kontra l-akkuzat Abuagila KH. Elwahishi , li bih huwa gie akkuzat talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fil-tnax (12) ta' Frar tas-sena elfejn u tmienja (2008), il-pulizija tal-iskwadra kontra d- droga ġew infurmati mill-uffiċjali tad-dwana tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta li kienet instabet sustanża suspettuża ġewwa bagalja appartenenti lil passiġier ta' Nazzjonalita' Libjana li kien għadu kif wasal Malta minn fuq titjira minn Tripli bin-numru KM697. Meta' l- pulizija marru fuq il-post l-akkużat ġie identifikat bħala l-persuna li kellu din il-bagalja fil-pussess tiegħu, liema fatt effettivament ġie kkonfermat minnu.

Illi mill-investigazzjonijiet irriżulta li fit-tnax ta' Frar tas-sena elfejn u tmienja (2008) kif ukoll fil-jiem ta' qabel, l-akkużat Abuagila KH. Elwahishi, ddeċieda illi jibda jmexxi w jittraffika fid-droga herojina. L- akkużat kien ftiehem ma' persuna jew persuni oħra li kellha tgħaddielu l-imsemmija droga biex imbagħad l-akkużat jikkonsenjaha lill-persuni oħra f'Malta. Għas-servizz tiegħu li jżomm u jittraffika d-droga herojina, l-akkużat kellu jitħallas ammont konsiderevoli ta' flus. In esekużżjoni ta' dan il-pjan maħsub minn qabel l-akkużat Abuagila KH. Elwahishi ġie Malta fit-12 ta' Frar tas-sena elfejn u tmienja (2008) biex jittraffika l-imsemmija droga. Fortunatament l-akkużat inqabad mill-pulizija dakinhar tat-tnax (12) ta' Frar tas-sena elfejn u tmienja (2008) fiċ- ċirkostanzi hawn fuq imsemmija. Fil-fatt, minn analiżi w eżamijiet li saru wara minn esperti forensiċi, ġie konfermat li din is-sustanza kienet effettivament d-droga imsemmija fl-ammont ta' tlett elef mija tlieta w għoxrin punt tlett grammi (3123.3 grammi) u ċioe' mediċina perikoluża li titqies bħala sustanża llegali skond il-Liġi tagħna, liema sustanża għandha l-valur kumplessiv ta' madwar mija tlieta w erbgħin elf, sitt mija tnejn u sebgħin Euro (€143,672).

Illi b'għemilu l-imsemmi Abuagila KH. Elwahishi sar ħati talli assoċja ruħhu ma' persuni oħra f'Malta w ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, jbiegħ jew jittraffika mediċina w droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, kkonstitwixxa, organiżża jew iffinanzja din l-assoċazzjoni.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill- imsemmi Abuagila KH. Elwahishi ħati talli assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta w ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, jbiegħ jew jittraffika mediċina w droga oħra f'Malta bi ksur tad- disposizzjonijiet tal-Ordinanża dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, kkonstitwixxa, organiżża jew iffinanżja din l-assoċazzjoni;

Talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kkundannat għal piena ta' prġunerija għal għomru w multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija w tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija w sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il- Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli w immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(f)(1A) (1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l- Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi w ir-regola 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi w fl-artikoli 23 u 533 tal- Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi minħabba n-natura taċ-ċirkostanzi li seħħew fit-tnax (12) ta' Frar tas-sena elfejn u tmienja (2008) u ċioe' kif imsemmija fl-ewwel Kap ta' din l-Att tal-Akkuża, irriżulta li l-akkużat volontarjament u xjentement għamel vjaġġ minn Tripli lejn Malta permess tat-titjira bin–numru KM697, fejn tul il-vjaġġ kollu kellu l-pussess xjenti ta' bagalja kontenenti s-sustanża li nstabet u li sussegwentement irriżultat li hi d-droga herojina, li tirrapreżenta mediċina perikoluża w sustanża illegali skond il-liġijiet tagħna. Dan il- vjaġġ sar bil-kunsens tal-akkużat stess, tant li hu xjentement ħallas għall-passaġġ tal-ajru bi flusu bl-għarfien tal-iskop tal-vjaġġ u tal- kontenut tal-bagalja fil-pussess tiegħu tul il-vjaġġ kollu. Effettivament li kieku l-uffiċjali tad-dwana ma' ndunawx bis-sustanza suspetuża, din il- bagalja kienet ser tgħaddi f'idejn terzi persuni ġewwa Malta bi ftehim mal-akkużat li faċilment setgħu jittraffikawha għal skopijiet ta' lukru.

Illi ma kien hemm l-ebda liċenzja jew awtoriżazzjoni maħruġa taħt l- Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi li tawtorizza l-importazzjoni tad- droga perikoluża msemmija.

Illi b'għemilu l-imsemmi Abuagila KH. Elwahishi sar ħati talli importa, ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi

ħaġa sabiex tista' tiġi mportata mediċina perikoluża (herojina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanża dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) u ċioe' meta' ma kellhux liċenżja jew awtoriżazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanża li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oġġett.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill- imsemmi Abuagila KH. Elwahishi, ħati talli importa, ġiegħel li tiġi mportata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi mportata mediċina perikoluża (herojina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijeit tal-Ordinanża dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) u ċioe' meta' ma' kellux liċenzja jew awtoriżazzjoni maħruġa taħt l-imsemmi Ordinanża li tawtorizza l- importazzjoni ta' dak l-oġġett;

Talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija w tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija w sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli w immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 10(1), 12, 14, 15(A), 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi w ir-regola 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id- Drogi Perikolużi w fl-artikoli 23 u 533 tal- Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi finalment u dejjem b'referenza għall-inċident li seħħ kif debitament imsemmi fl-ewwel żewġ kapi ta' din l-Att tal-Akkuża w ċioe' nhar it-tnax (12) ta' Frar tas- sena elfejn u tmienja (2008), minħabba l-fatt li l-bagalja in kwistjoni kienet indubjament fil-pussess tal-akkużat u minħabba l-fatt li s- sustanza suspettuża li nstabet ġo fiha rriżultat, wara l-analiżi meħtieġa li saru, li kienet id-droga herojina w cioe' mediċina perikoluża w illegali ai termini tal-Liġijiet tagħna, rriżulta li l-akkużat kien

fil-pussess xjenti ta’ sustanza perikoluża skond il-Liġi. L-akkużat m’għandux problema ta’ droga w kwindi din is-sustanza perikoluża ma’ kinitx intiża għall-użu personali tiegħu, iżda kif spjegat fil-kapi preċedenti, kienet intiża sabiex tiġi ttraffikata. In oltre l-ammont tad-droga li instabet kienet waħda konsiderevoli w ċioe’ fl-ammont ta’ tlett elef mija tlieta w għoxrin punt tlett grammi (3123.3 grammi) li ċertament ma’ tindikax skop ta’ użu personali.

Anki f’dan il-każ, l-akkużat ma’ kienx fil-pussess ta’ awtoriżazzjoni jew liċenżja maħruġa mill-Liġi li tippermettilu jkollu fil-pussess tiegħu din is- sustanża perikoluża.

Illi d-droga herojina hija msemmija fit-Taqsima 1 ta’ l-Ewwel Skeda li tinsab ma’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi.

Illi b’għemilu l-imsemmi Abuagila KH. Elwahishi sar ħati talli, kellu fil- pussess tiegħu d-droga herojina meta’ ma’ kienx fil-pussess ta’ awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit- Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta’ l- Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, w meta’ ma’ kienx bil-liċenzja jew xort’ oħra awtoriżżat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, w ma kienx b’xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa w ma’ kienx awtoriżżat bir-Regoli ta’ l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b’xi awtorita’ mogħtija mill- Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id- droga ma’ ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir- Regoli msemmija, w b’dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi **li juru li dak il-pussess ma’ kienx għall-użu esklussiv tiegħu**.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill- imsemmi Abuagila KH. Elwahishi ħati talli, b’diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, w li ġew magħmula b’riżoluzzjoni waħda, kellu fil-pussess

tiegħu d-droga herojina meta’ ma’ kienx fil-pussess ta’ awtoriżazzjoni għall- importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal- Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza dwar il- Mediċini Perikolużi, w meta’ ma’ kienx bil-liċenzja jew xort’ oħra awtoriżżat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, w ma kienx b’xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa w ma’ kienx awtoriżżat bir-Regoli ta’ l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b’xi awtorita’ mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga ma’ ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir- Regoli msemmija, w b’dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il- pussess ma’ kienx għall-użu esklussiv tiegħu;

Talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta’ għomor il-ħabs u multa ta’ mhux inqas minn elfejn tlett mija w tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija w sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern ta’ kull flejjes jew propjeta’ mobbli w immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi w ir-regola 9 tar-Regoli ta’ l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id- Drogi Perikolużi w fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista’ skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta’ l-imsemmi akkużat.

Rat in-Nota tal-eccezzjonijiet preliminari tal-akkuzat tad-29 ta’ Dicembru, 2008, li biha eccepixxa :-

1. eccezzjoni a tenur tas-sub-inciz (b) tas-sub artikolu (1) tal-artikolu 449 tal-Kodici Kriminali ghar-rigward tal-Ewwel Kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuza stante li fil-parti akkuzatorja huwa monk ai termini tas-sub-inciz (c) tal-artikolu 589 tal-Kodici Kriminali, stante li l-Avukat Generali naqas milli jfisser il-fatt li jikkostitwixxi dan ir-reat u minflok, il-fatti hekk kif irraportati jirrelataw dwar reat iehor

u cioe' dak tal-importazzjoni, minflok ma jirrelata dwar ir-reat ta' assocjazzjoni. Di piu', lanqas fl-atti tal-istrutturja ma jirrizultaw xi provi li jistghu b' xi mod jew iehor jitfghu dawl u/jew isostnu l-akkuza ta' assocjazzjoni. Din hi mibnija biss fuq spekulazzjoni u hsibijiet u mhux fuq provi w ghalhekk dan il-kap tal-Att tal-Akkuza la jaghti w lanqas qatt ma jista' jaghti l-partrikolaritajiet dwar iz-zmien u l-lok li fihom saru l-fatti (l-assocjazzjoni) allegat mill-Avukat Generali. Dan l-izball mhux wiehed li jista' jigi korrett skond ma jiddisponi l-artikolu 599 tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk dan il-kap ghandu jigi cedut ai termini tal-artikolu 600 tal-Kodici Kriminali.

Kienet inghatat eccezzjoni preliminari ohra izda, peress li kif verbalizzat fl-udjenza tat-12 t' Ottubru, 2009, Dr. G. Caruana Curran, ghall-akkuzat, ipprezentat nota fejn irtirat it-tieni eccezzjoni, ma hemmx lok li din tigi riprodotta f' din is-sentenza.

Rat in-Nota ta' cessjoni tal-akkuzat tal-istess data fl-istess sens.

Semghet it-trattazzjoni dwar l-ewwel eccezzjoni.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tas-26 t' Ottubru, 2009, fejn iddikjara li, wara li gie analizzat il-kontenut tal-ewwel kap ta' l-att ta' l-akkuza, jidhirlu li m'hemmx lok ghall-korrezzjoni w dan ghar-ragunijiet li gew premessi waqt is-seduta.

Ikkonsidrat;

Illi din l-eccezzjoni hija bazata fuq l-art.449 (1) (b) u l-artikolu 589 ( c ) tal-Kodici Kriminali.

Dan l-ahhar artikolu jiddisponi li l-att ta' l-akkuza *"ghandu: ( c ) ifisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat, bil-partikolaritajiet li jkunu jistghu jinghataw dwar iz-zmien u l-lok li fihom ikun sar il-fatt u dwar il-persuna li kontra taghha r-reat ikun sar, flimkien mac-cirkostanzi kollha li, skond il-ligi u fil-fehma ta' l-Avukat Generali , jistghu jkabbru jew inaqqsu l-piena"*

Jekk tali eccezzjoni tista’ wkoll tinkwadra ruha taht dak li jiddisponi l-paragrafu (b) tal-proviso tal-artikolu 449 (5) tal-Kodici Kriminali, liema paragrafu jitkellem dwar “*meta l-fatt migjub fl-att ta’ akkuza ma jkunx jikkostitwixxi, fis-sustanza, r-reat migjub jew deskritt f’dak l-att,”* biex tirmexxi eccezzjoni bhal din jehtieg li jirrizulta li l-fatti kif deskritti fl-att tal-akkuza jew fil-kap tal-att tal-akkuza li jkun qed jigi impunjat ma jkunux jikkostitwixxu fis-sustanza r-reat li bih ikun qed jigi addebitat l-akkuzat f’ dak l-att jew f’ dak il-kap. (Ara. Sentenza ta’ din il-Qorti tal-20 ta’ Gunju, 1995 fil-kawza **“Republika ta’ Malta vs. Aibrahim Bashir Ben Matue”** [Att ta’ Akkuza 4/95) konfermata fl-appell fil-15 ta’ Frar, 1996, **“Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Lawrence Gatt et.”** [6.12.2002], konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali bis-sentenza tat-22 ta’ Mejju, 2003 **“Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Dominic Bonnici”** [5.1.2004] u konfermata fl-Appell fil-22 t’April, 2004 u ohrajn.)

F’ dawk is-sentenzi giet citata gurisprudenza kopjuza hafna fejn intqal ukoll li fl-ezami biex tara jekk il-fatti kif esposti humiex marbuta mal-parti akkuzatorja, l-Qorti trid toqghod fuq il-fatti kif migjuba fl-att tal-akkuza w mhux fuq il-fatti kif jistghu jirrizultaw mill-atti tal-istruttorja jew kif eventwalment jistghu jirrizultaw fil-kors tal-guri.

Ghalhekk dik il-parti tal-lanjanza tal-akkuzat fejn jghid li “*fl-atti tal-Istruttorja ma’ jirrizultawx xi provi li jistghu b’ xi mod jew iehor jitfghu dawl u/jew isostnu l-akkuza ta’ assocjazzjoni”* hija manifestament infondata

Illi gie wkoll ritenut mill-Qrati taghna li r-raguni ghala att t’ akkuza ghandu jigi annullat trid tkun tohrog mid-dokument innifsu w l-Qorti m’ghandhiex toqghod tidhol u tindaga dwar il-verita’ jew precizjoni tal-fatti msemmija fl-att tal-akkuza, izda trid tara jekk ir-rekwiziti ta’ formalita’ preskritti mill-ligi gewx osservati.

F’ **“Rex. vs. Strickland”** [21.3.1923] (Vol. XXV , p.iv. p.833) gie ritenut li :-

*"Tanto secondo la nostra gurisprudenza quanto secondo quella inglese, la nullita' dell' atto d'accusa non si accorda per ragioni nel merito ma per difetti sostanziali recanti un pregudizio, non altrimenti rimediabile nell' accustato, risultanti dalla faccia dello stesso atto che si impugna ..... Da altre sentenze stampate risulta che quando si e' trattato della nullita' o meno dell' atto d'accusa, tale atto e' stato sempre esaminato per se stesso, indipendentemente dal merito e dalle prove."*

Ikkonsidrat;

Issa l-parti narrattiva tal-Ewwel Kap tal-att tal-akkuza li qed jigi impunjat isemmi *inter alia* li :-
*"Illi mill-investigazzjonijiet irrizulta li fit-tnax ta' Frar tas-sena elfejn u tminja (2008) kif ukoll fil-jiem ta' qabel , l-akkuzat ….iddecieda li jibda jmexxi w jittraffika d-droga herojina. …..kien ftiehem ma' persuna jew persuni ohra li kellha tghaddilu l-imsemmija droga biex umbaghad l-akkuzat jikkonsenjaha lill-persuni ohra f' Malta."……"In esekuzzjoni ta' dan il-pjan mahsub minn qabel l-akkuzat.. gie Malta fit-12 ta' Frar….(2008) biex jittraffika l-imsemmija droga"* li *"minn analizi u ezamijiet li saru wara minn esperti forensici, gie konfermat li….kienet id-droga imsemmija fl-ammont ta' tlitt elef mija u tlieta u ghoxrin punt tlitt grammi w cioe' medicina perikoluza li titqies bhala sustanza illegali …"* (sottoliear tal-Qorti).

F' dawn il-fatti fuq riprodotti, hemm inkluzi, sia pure telegrafkament, l-elementi kollha tar-reat tal-assocjazzjoni w cioe' 1. iz-zmien; 2. il-ftehim bejn zewg persuni jew aktar; 3. li tigi traffikata f' Malta id-droga herojina w 4. il-mod kif dan kellu jsir u cioe' billi l-akkuzat idahhalha f' Malta w jikkonsenjaha lil haddiehor.

Mhux hekk biss. Imma jidher li ukoll gie rispettat *in toto* l-vot tal-ligi fl-artikolu 589 ( c ) fuq imsemmi, ghax dan il-kap ifisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat t' assocjazzjoni; bil-partikolaritajiet ta' zmien (12 ta' Frar 2008 u "*fil-jiem ta' qabel").* S' intendi mhux mehtieg li jissemmew il-persuni li dak li jkun ikun ftiehem maghhom jekk dawn ma jkunux maghrufin ( kif generalment ikun il-kaz f' dawn il-kazijiet ta'

*couriers* li jgibu droga minn barra minn Malta). Il-ligi trid li l-partikolaritajiet li jrid jinghataw ikunu dawk ***"li jkunu jistghu jinghataw"*** u, fejn dawn ma jkunux maghrufa, hu ovvju li ma jkunux jistghu jinghataw.

Ghalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-mod adoperat mill-Avukat Generali fl-istezura tal-ewwel kap tal-att tal-akkuza ma jmurx kontra d-dispositiv tal-artikolu 589 (c) tal-Kodici Kriminali w konsegwentement l-ewwel eccezzjoni qed tigi respinta.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-akkuzat u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni eccezzjoni tieghu stante li din giet irtirata bin-nota tat-12 t'Ottubru, 2009.

Il-Qorti ghalhekk qed tiddifferixxi il-kawza "*sine die"* sakemm ikun maghruf l-ezitu ta' xi appell eventwali u, f'kaz li ma jsirx appell jew wara li tali appell jigi deciz, sabiex il-guri jigi appuntat ghas-smiegh skond meta jmissu t-turn tieghu skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------